MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Numru. 259/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann. J. Fenech)**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**vs**

**Kenneth Ellul**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Kenneth Ellul ta' 34 sena iben Joseph Mary u Iris nee' Caruana, imwieled fil-15 ta' Settembru 1974 u residenti fil-fond 12, Bieb numru 2, Triq il-Konservatorju, Furjana u detentur tal-karta tal-identita' numru 444374(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

a) F’ H’Attard nhar it-2 ta’ Marzu 2009, ghal habta ta’ bejn l-ghaxra ta’ filghodu u s-siegha ta’ wara nofs inhar, flimkien ma persuna jew persuni ohra, ikkommetta serq ta’ gojellerija u ornamenti ta’ hagar prezzjuz ghad-dannu ta’ Salvatore u Agnes Cutajar, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi €2329.37, bil-lok u bil-mezz (art. 261, 263(a), 266, 267 u 269(g) ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta) ;

b) Fl-istess jum, f’dawn il-Gzejjer, xjentement xtara u/jew laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun iddahhal f’dawn il-Gzejjer biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti huma gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi €2329.37, bil-lok u bil-mezz (art. 334 ta’ Kap.9 ta’ Ligijiet ta’ Malta) ;

c) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix €1164.69 imma hija iktar minn €116, liema hsara saret ghad-detriment ta’ Salvatore u Agnes Cutajar (art. 325 (b) ta’ Kap. 9 ta’ Ligijiet ta’ Malta) ;

d) Sar recediv ai termini t’artikoli 49, 50 and 289(1) ta’ Kap. 9 ta’ Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati ta’ Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 16 ta’ Lulju 2009 (esebita a fol. 210 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 261(b), 261(c), 261(e), 263(a), 264(1), 266(1), 266(2), 267, 269(g), 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2), 281(a), 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(b) Fl-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(c) Fl-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(d) Fl-artikoli 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tat-22 ta' Lulju 2010, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw serqa li saret fit-2 ta' Marzu 2009 bejn l-10.00am u s-1.00pm mill-fond 'Angville', Triq il-Linja H'Attard fejn insterqu diversi oggetti konsistenti f'gojellerija u affarijiet tad-deheb ghad-dannu tal-konjugi Agnes u Salvatore Cutajar fejn il-valur tal-oggetti misruqa kien ta' €10,080[1]. Mill-provi rrizulta li l-hallelin dahlu fl-imsemmi fond billi sgassaw tieqa fis-sular ta' isfel tad-dar liema tieqa kienet tinsab mal-genb tal-faccata tad-dar u wara li sgassaw it-tieqa, caqalqu l-insect screen li kien qieghed fuq gewwa u accedew ghall-fond. Mill-provi rrizulta li l-persuni li dahlu fil-fond kienu ghamlu hsara fit-tieqa minn fejn dahlu kif ukoll f'bieb fil-kamra tas-sodda[2]. Mix-xhieda tal-Ufficjali Prosekuturi u Nvestigattivi f'dan il-kaz, l-Ispettur Ramon Cassar u l-Ispettur Johann Fenech li xehdu waqt l-udjenza tal-24 ta' Marzu 2009 u in kontro-ezami waqt l-udjenza tal-21 ta' Lulju 2011 jirrizulta li waqt investigazzjoni li kienet qed issir mill-Iskwadra kontra d-Droga fit-3 ta' Marzu 2009 instab xi deheb fil-pussess tal-imputat Kenneth Ellul liema deheb irrizulta li ma kellu x'jaqsam xejn mas-serqa li tifforma l-mertu tal-kawza odjerna u waqt tfitxxija li saret fil-vettura[3] ta' certu Mark Anthony Ellul, li kien il-habib tal-imputat, instabu diversi oggetti tad-deheb li gew identifikati mill-konjugi Cutajar bhala l-oggetti li nsterqulhom mid-dar taghhom fit-2 ta' Marzu 2009 u nstabet ukoll xi droga u affarijiet ohra. Mark Anthony Ellul ikkollabora mal-Pulizija u ammetta l-

[1] Ara elenku tal-oggetti misruqa esebit minn Agnes Cutajar inserit a fol. 81 u 82 tal-atti processwali.
[2] Ara dokumenti nseriti a fol. 83 u 84 tal-atti processwali.
[3] Vettura bin-numru tar-registrazzjoni bi DBK 162.

involviment tieghu fis-serqa odjerna u spjega lill-Ufficjali Investigattivi u Prosekuturi f'dan il-kaz li huwa kien wettaq din is-serqa flimkien mal-imputat fil-kawza odjerna.

L-imsemmi Mark Anthony Ellul xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-12 ta' Gunju 2009 fejn huwa kkonferma dak li kien qal lill-Ufficjali Investigattivi f'dan il-kaz. Huwa fil-fatt spjega li kien gie mressaq il-Qorti b'akkuzi in konnessjoni mas-serqa li tifforrna l-mertu tal-kawza odjerna fejn huwa kien ammetta l-akkuzi u gie misjub hati tal-istess. Huwa qal li flimkien mal-imputat kien ikkommetta is-serqa mid-dar fi triq il-Linja H'Attard u spjega kif huma kienu dahlu f'din ir-residenza billi sgassaw b'idejhom tieqa fis-sular t'isfel mal-genb tal-faccata tad-dar u mbaghad qalghu l-insect screen. Huwa spjega inoltre li kienu serqu diversi oggetti ta' gojellerija mill-imsemmija dar u identifika uhud minn dawn l-oggetti li nsterqu bhala dawk li jidhru fir-ritratti nseriti a fol. 56 tal-atti processwali liema oggetti wkoll gew identifikati mid-derubati meta xehdu f'dawn il-proceduri. Mark Annthony Ellul ikkonferma wkoll li dawn l-oggetti kienu nstabu mill-Pulizija fil-vettura tieghu u qal li xi oggetti li kienu serqu hu u l-imputat kienu nbieghu mill-istess imputat. Mark Anthony Ellul spjega li hu u l-imputat kienu ghaddejjin minn hdejn id-dar li mbaghad dahlu fiha u wara li habtu u ma fetah hadd iddecidew li jidhlu sabiex jisirqu.

In konnessjoni mas-serqa in dizamina saret Inkjesta Magisterjali[4] fejn gew nominati diversi esperti fosthom is-Scene of The Crime Officers PS171 Karl Glenville u PC 826 Matthew Parnis[5] li elevaw xi lifters minn fuq ix-xena tad-delitt. F'dawn il-proceduri permezz ta' digriet tas-17 ta' Lulju 2009 gie nominat bhala espert tal-fingerprints Joseph Mallia bl-inkargu li jeleva l-impronti digitali tal-imputat Kenneth Ellul u jaghmel ezami komparattiv mal-lifters li gew elevati mis-Scene of the Crime Officers. L-espert tal-impronti digitali kkonkluda is-segwenti:-

[4] Process Verbal relattiv inserit a fol. 98 tal-atti processwali.
[5] Rapport relattiv inserit a fol. 163 tal-atti processwali.

Illi wara li gew ezaminati, studjati u ikkomparati id-dokumenti 09 AMO 301, 09 AMO 302, 09 AMO 303, 09 AMO 304, 09 AMO 305, 09 AMO 306, 09 AMO 307 u 09 AMO 308 impronti digitali zviluppati permezz tal-*black* u l-*alluminium powder* u elevate permezz ta’ *lifting tape* fuq *acetate sheet* trasparenti, u d-dokumenti KE JM 1, formola ta’ l-impronti digitali u KE JM 2, formola tal-marki tal-pali ta’ l-idejn ta’ **Kenneth Ellul**, li joqghod fil-fond numru 103 A, tal-Borg Street Poala, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 444374 (M), l-esponent jikkonkludi dan li gej:

- Illi l-impronta document 09 AMO 301, taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-werrej ta’ l-id ix-xellugija ta’ **Kenneth Ellul**, li joqghod fil-fond numru 103 A, tal-Borg Street Poala, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 444374(M).

- Illi l-impronti dokumenti 09 AMO 302, r-raba’ (4) impronta li tidher elevate fuq il-*lifter* document 09 AMO 303 kif ukoll it-tieni (2) u t-tielet (3) impronta li jidhru elevate permezz tal-*lifter* document 09 AMO 308, gew ikkomparati mal-formola ta’ l-impronti digitali ta’ **Kenneth Ellul**, li joqghod fil-fond numru 103 A, tal-Borg Street Poala, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 444374(M) document KE JM 1, bir-rizultat fin-negattiv.

- Illi l-impronti dokumenti 09 AMO 302, r-raba’ (4) impronta li tidher elevati fuq il-*lifter* dokument 09 AMO 303 kif ukoll it-tieni (2) u t-tielet (3) impronta li jidhru elevati permezz tal-*lifter* dokument 09 AMO 308, gew ikkomparati mal-formola tal-marki tal-pali ta’ l-idejn ta’ **Kenneth Ellul**, li joqghod fil-fond numru 103 A, tal-Borg Street Poala, detentur tal-karta tal-identita’ numru 444374(M).

- Illi l-marki li jidhru fuq il-lifters dokumenti 09 AMO 305, 09 AMO 306 u 09 AMO 307 ma humiex ta’ impronti digitali, ghalhekk ma’ setghux isiru l-ezamijiet komparattivi rikjesti bejn dawn il-marki u d-dokumenti KE JM 1, formola ta’ l-impronti digitali u KE JM 2, formola tal-marki tal-pali

ta' l-idejn ta' ***Kenneth Ellul***, li joqghod fil-fond numru 103 A, tal-Borg Street Poala, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 444374(M).

*Dawn il-marki huma kompatibbli ma' qieh ta' zarbun.*

Jirrizulta ghalhekk li l-lifter bin-numru 09 AMO 301 li gie elevat minn fuq frame ta' insect screen ta' lewn abjad li kien jinsab vicin tieqa tal-aluminium li kienet tinsab fid-drive in tal-fond minn fejn saret is-serqa kien kompatibbli mal-impronti digitali tal-imputat.

L-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet[6] izda stante li huwa ma nghatax l-opportunita' li jikkonsulta ma avukat qabel ma rrilaxxja dawn l-istqarrijiet u in linea ma decizjonijiet recenti moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali din il-Qorti mhux ser tiehu in konsiderazzjoni dak li ntqal mill-imputat f'dawn l-istqarrijiet. L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-6 ta Jannar 2012 fejn cahad li kien involut fis-serqa li tifforma l-mertu tal-kawza odjerna u qal li fiz-zmien li sehhet is-serqa huwa kien imur idur ma Mark Anthony Ellul, kienu jhabbtu l-bibien tad-djar u jekk ma jkun hemm hadd kienu jidhlu u jisirqu. L-imputat spjega li dak iz-zmien huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga u kien jisraq sabiex isostni dan il-vizzju. Huwa qal li kien prova jiftah it-tieqa tad-dar in dizamina izda meta ra d-dawl gewwa telqu minn fuq il-post minghajr ma effetwaw is-serqa.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok, b'ricettazzjoni, bir-reat li kkaguna hsara volontarja fil-propjeta' tal-konjugi Cutajar kif ukoll li huwa recidiv. Illi wara li fliet bir-reqqa douta l-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li mill-istess provi jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li l-imputat kien involut fis-serqa li sehhet fit-2 ta' Marzu 2009 mill-fond Angville fi Triq il-Linja, H'Attard. Dan jirrizulta mhux biss mix-xhieda

6 Inseriti a fol. 36 sa 42 tal-atti processwali

ta’ Mark Anthony Ellul izda wkoll mill-mpronta digitali tal-imputat li nstabet fuq il-post. Il-provi indizjarji jikkorroboraw pjenament il-verzjoni moghtija minn Mark Anthony Ellul. Il-Qorti jidrilha li ma tistghax temmen l-ispjegazzjoni moghtija mill-imputat dwar ir-raguni il-ghala instabet l-impronta digitali tieghu fuq l-insect screen li kien qieghed fuq in-naha ta’ gewwa, u cioe’ wara t-tieqa tal-aluminium li kienet fil-genb tal-faccata tar-residenza li sar is-serq minnha. Jekk wiehed kellu jemmen dak li qal l-imputat li hu u Mark Anthony Ellul kienu jhabtu fir-residenzi u jekk ma jwiegeb hadd jidhlu jisirqu allura wiehed kien forsi jidhollu dubju li l-imputat qed jghid il-verita’ kieku l-impronta digitali tieghu instabet fuq il-bieb ta’ barra jew fuq il-qampiena izda kif spjegat aktar ‘il fuq l-impronta digitali nstabet fuq l-insect screen li kien f’tieqa mal-genb tad-dar u liema insect screen kien wara t-tieqa tal-aluminium. Il-post fejn instabet l-impronta digitali tal-imputat tikkorobora pjenament il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Mark Anthony Ellul dwar il-modus operandi tas-serqa. Din il-Qorti ghalhekk m’ghandha l-ebda dubju li l-imputat ghandu jinstab hati tal-ewwel(1) u tat-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu. Dwar it-tieni(2) imputazzjoni huwa evidenti li din inghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjoni ta’ serq li taghha l-imputat qed jinstab hati u l-Qorti sejra ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. Dwar l-addebitu tar-recidiva dan jirrizulta ampjament pruvat permezz tas-sentenzi esebiti a fol. 57 et sequitur tal-atti processwali fejn saret ukoll id-debita prova tal-identita’.

Ghal finijiet ta piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat huwa recidiv, li huwa nstab hati tar-reat ta’ serq f’diversi okkazzjonijiet ohra u jidrilha li piena karcerarja effettiva hija l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tas-16 ta’ Lulju 2009 u senjatament l-artikoli 261(b), (c) u (e), 263, 264, 266, 267, 269(g), 278, 279, 280, 281, 289, 325(b), 49, 50, 17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1), tat-tielet(3) u tar-raba’(4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn(2) prigunerija.

Stante li t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imputazzjoni.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar(1) minn meta jigi hekk mitlub mir-Registratur tal-Qorti sabiex ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta’ disa’ mija u tmien ewro u erbgha u tmenin ewro centezmi (€908.84) u cioe’ l-ispejjes konnessi man-nomina tal-espert tal-impronti digitali u nofs l-ispejjes konnessi mal-hatra tal-esperti fl-Inkjesta Magisterjali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------